# ħidmietna f'isimkom

Ott 2024

PUBBLIKAZZJONI TAL-KUNSILL LOKALI NADUR



# KUNSILL LOKALI ĠDID, IŻDA B'XOGĦOL KONTINWU GĦAN-NADUR TAGĦNA

## New Local Council, but with continuous work

# ĠURAMENT TAL-ĦATRA TAS-SINDKU U L-GĦAXAR KUNSILL LOKALI TAN-NADUR

Elezzjoni li kkonfermat lis-Sindku Edward Said għall-ħames snin li ġejjin, Viċi Sindku ġdid Kevin Curmi, Minority Leader ġdida Rebecca Vella u żewġ kunsilliera ri-eletti Eucharist Camilleri u Jean Paul Portelli








*Official oath of the 10th Nadur Local Council*

## DEKASTERI TAL-KUNSILLIERA LOKALI

**Councillors' Responsibilities**

### MAYOR EDWARD SAID
- Operations/Administration
- Finances
- Collaboration Organisations
- Infrastructural Works
- General Maintenance
- Activities
- International Relations
- European Funds
- Traffic Management
- Community Services & Health

### DR REBECCA VELLA
- Education & Library
- Children
- Funding Schemes
- Innovation
- Arterial/Residential Roads
- Public Entities Relations
- Agricultural Fair & Wine Festival

### VICE-MAYOR KEVIN CURMI
- Regional Council
- Youths
- European Funds
- Traffic Management & Transport
- Social Aspects
- Public Relations
- International Relations
- Carnival & Halloween

### EUCHARIST CAMILLERI
- Charter EU
- Elderly & Day Centre
- Historical Heritage & Culture
- Infrastructural Works
- Community Services
- Commercial Sector
- Mnarja & Christmas

### JEAN PAUL PORTELLI
- Environment
- Public Cleaning
- Animal Welfare
- Public Gardens & Beaches
- Sports
- Nadur 10K and Summer



# SER NIBQA' NAĦDEM GĦALIKOM B'UMILTÀ

## EDWARD SAID - SINDKU

Dan hu l-ewwel messaġġ uffiċjali tiegħi minn meta intom in-Nadurin għoġobkom terġgħu tagħtuni l-fiduċja, għat-tielet darba, biex immexxi l-Kunsill Lokali ta' raħalna. Ta' dan minn qalbi ngħidilkom grazzi u nwegħdkom li nkompli naqdi dmiri bħala Sindku b'responsabbiltà u b'umiltà. Bħalma dejjem ħdimt lejl u nhar għall-ġid tan-Nadur, ibqgħu ċerti li hekk se nibqa' nagħmel. Dan ridt nagħti prova tiegħu mill-bidu nett billi rajt li wara l-elezzjoni jkun hemm bidla bl-inqas skossi possibbli fl-istess Kunsill. Assigurajt ukoll li l-ħidma kollha tkun delegata u konsultata bejn il-Kunsilliera kollha u r-residenti. Għandna quddiemna diversi prijoritajiet li se nkun qed nagħtihom l-ikbar attenzjoni, biex flimkien mal-Kunsilliera nkomplu nwettqu l-aħjar u l-aqwa għan-Nadur. Ma nistax inħalli din l-okkażjoni tgħaddi u ma nerġax intenni l-wegħda tiegħi lejkom li se nibqa' nkun dejjem qribkom f'dak kollu li jkun meħtieġ. S'issa għamilna ħafna tajjeb flimkien u jkun żball jekk naħsbu li ma baqgħalniex iktar x'nagħmlu. Ejjew flimkien miegħi u mal-Kunsillieri kollha nkomplu naħdmu biex insebbħu, nirranġaw u ngħożżu n-Nadur tagħna li lkoll li tant inħobbu. Grazzi minn qalbi u dejjem tal-appoġġ, rispett u kooperazzjoni.

## PRIORITAJIET TAL-KUNSILL LOKALI Priorities set by Local Council

**Immaniġġjar tat-Traffiku fiċ-Ċentru tan-Nadur – diġà bdejna bl-istudji sabiex titfassal sistema ġdida ta' traffiku sabiex nevitaw il-konġestjoni u jiżdied il-parkeġġ. Dan ser jinkludi anke perjodu ta' konsultazzjoni u ttestjar tas-sistema.**

*New traffic management system at Nadur centre*

**Berġa tas-Saħħa fin-Nadur – bdejna d-diskussjonijiet mal-Ministeru tas-Saħħa fejn qed ninsistu fuq l-importanza li jkollna klinika li tkun għas-servizz ta' tant residenti.**

*Discussions with Health Ministry for a new Health Clinic*

**Xogħol fuq Toroq fin-Nadur – qegħdin ukoll ninsistu mal-Ministeru għal Għawdex sabiex isir pjan li bih jiġu indirizzati diversi toroq fin-Nadur li jinsabu fi stat ħażin.**

*Insisting on a plan with Ministry for Gozo re state of roads)*



## KEVIN CURMI – VIĊI SINDKU

F'dawn l-aħħar 3 xhur minn kemm ilha li bdiet il-leġiżlatura l-ġdida diġà rnexxielna nagħmlu ħafna. Żgur li l-qafas fejn l-aktar li għamilt sforz jiena huwa fejn jidħlu l-Fondi Ewropej. F'isem il-Kunsill, kont Project Leader fuq żewġ applikazzjonijiet separati li jekk jiġu aċċettati, inkunu qegħdin naraw 'il fuq minn €100,000 ta' Fondi Ewropej fi proġetti madwar in-Nadur. Bħala l-koordinatur mar-Reġjun Għawdex, ħadt ħsieb ukoll li norganizzaw ġurnata fejn ilqajna grupp ta' tfal Ukreni ġewwa n-Nadur għal ġurnata. Apparti hekk, flimkien mas-Sindku, bdejna naħdmu fuq sistema ta' immaniġġjar tat-traffiku fiċ-ċentru tar-raħal, sistema li hija ppjanata biex tiġi implimentata s-sena d-dieħla, kif ukoll, ħdimt fuq pjan ieħor ta' kif il-kunsill jista' jilħaq lir-residenti tagħna bl-aktar mod effettiv. Ħadna ħsieb ukoll li nippjanaw l-avveniment tal-Halloween għal din is-sena, attività li hi fost l-akbar jekk mhux l-akbar f'Malta. Minbarra dawn l-affarijiet li semmejt hawn fuq, wettaqna kisbiet jew solvejna għexieren ta' ħafna problemi iżgħar li ma nistax insemmihom kollha hawnhekk. Barra minn hekk, għaddejja anke ħidma minn wara l-kwinti fuq diversi proġetti oħra. Ħerqan biex inkompli naħdem għar-raħal tagħna.

### NADUR YOUNGSTERS FC CHAMPIONS 2023-2024





### VINTAGE MOTORS FESTIVAL 2024



### NATIONAL CYCLING CHAMPIONSHIP 2024





# TISBIĦ TA' PJAZZA L-ARĊIPRIET MARTIN CAMILLERI (IL-PJAZZETTA)

B'fondi minn skema tas-Segretarjat Parlamentari għall-Gvern Lokali, il-Pjazzetta issa ngħatat dehra mill-isbaħ u aktar ġdida, b'pavimentar ġdid, aktar aċċessibilita u inklussività, dawl kollu ġdid u brazzi li jixirqu, u għamara ġdida. Investiment ta' aktar minn €100,000.

*Embellishment of Arc. Martin Camilleri Square through funds by Parliamentary Secretariat for Local Government and DLG.*
























## DR REBECCA VELLA – MINORITY LEADER

Ftit xhur ilu ġejt eletta fuq il-Kunsill Lokali tan-Nadur, liema fiduċja wegħdtkom li se nsarrafha f'ħidma għalikom. Nibda b'ħidmieti fil-qasam tal-Edukazzjoni. Nedejna l-inizzjattiva' tal-iSchool Grannies b'kollaborazzjoni mad-Direttorat għall-Anzjanita' Attiva u Kura fil-Komunita'. Qed naħdem ukoll fuq skema abbinata ma 'European Mobility Week' fejn jekk tiġi aċċettata, jiġi offrut taħriġ għat-tfal dwar iċ-ċikliżmu sikur u għall-anzjani dwar is-sigurta' fit-toroq. Ħdimt fuq it-tkomplija tar-rilokazzjoni u l-ftuħ uffiċċjali tal-librerija, fejn ġiet organizzata attivita' ħelwa għat-tfal b'enfasi fuq l-importanza tal-qari. Ħdimt ukoll fuq l-organizzazzjoni ta' attivita' tat-tfal li se ssir f'Novembru, u kont involuta meta lqajna grupp ta' tfal mill-Ukrajna. Ressaqt proposta wkoll sabiex l-anzjani jibdew jiġu nvoluti biex jaqraw storja lit-tfal fil-librerija.

Esplorajt skemi oħrajn, fosthom skema li jekk tirnexxi, nakkwistaw fondi sabiex nimplimentaw sistema ta' 'traffic management' fiċ-ċentru tan-Nadur. Qed naħdem fuq it-toroq u kont involuta f'komunikazzjoni sabiex isiru tiswijiet u anke sabiex ġiet skedata laqgħa mal-Ministeru ta' Għawdex u l-Ippjanar sabiex inkomplu ntejbu t-toroq. Ħdimt ukoll fl-organizzazzjoni tal-Wirja Agrarja u ta' Artiġjanat u l-Wine Festival, u nħares 'il quddiem sabiex nkompli nkabbar dawn l-attivitajiet. Ħadt ħsieb il-komunikazzjoni ma diversi entitajiet, fosthom fir-rigward tal-kwistjoni tat-tiġdid tal-karti tal-identita', u sabiex ġiet skedata laqgħa mal-Ministeru tas-Saħħa sabiex tiġi diskussa l-possibilita' ta' Berġa ġewwa n-Nadur.

### GRADUATION YEAR 6 STUDENTS 2023-24



### CELEBRATION DAY SCHOOL 2023-24




### GRADUATION KINDER 2 STUDENTS 2023-24





# AKTAR TOROQ RURALI B'WIĊĊ ĠDID FIN-NADUR

## TRIQ WIED RIĦAN U TRIQ IRDUM TA' VNUTA

B'fondi Ewropej taħt il-Miżura 4.3, il-Kunsill Lokali tan-Nadur seta' jagħti wiċċ ġdid lil żewġ toroq oħra rurali fin-Nadur. Issa, kemm Wied Riħan u anke l-Irdum ta' Vnuta huma ferm aktar aċċessibli, jagħtu dehra ferm aħjar lil dawn iż-żoni pittoreski, u jagħmluha aktar faċli għall-bdiewa u dawk li jżuru l-post.

*Improved accessibility at two other rural roads, Riħan Valley and Irdum ta' Vnuta, thanks to EU Funds under Measure 4.3.*













## AWGURI U AD MULTOS ANNOS LILL-ARĊIPRIET IL-ĠDID KAN. DUN KRYSTOF BUTTIGIEG

*New Archpriest*



## NILQGĦU LIS-SURMAST IL-ĠDID TAL-ISKOLA PRIMARJA – DANIEL J. CASSAR

*New Head of School*






## BIDU TA' INIZJATTIVA SCHOOL GRANNIES FIN-NADUR

*School Grannies Initiative*

## AWGURI LIL RAYMOND VELLA LI ĠIE ELETT FIL-BORD TAL-FECC

*Raymond Vella elected in FECC Board*



## RIKONOXXIMENTI MILL-KUNSILL LOKALI LIL



MARIO MERCIECA
*Best Pace Sticker*



JOE CHIRCOP
*'Min Aħna' u 'Kuntrasti'*



RACHEL PORTELLI
*Miss Gozo*





MARIE EMEH U AUDREY SCHEMBRI
*Rebħ internazzjonali fil-Kant*



CHARLTON PORTELLI
*World Masters Athletics*

*Several recognitions by Local Council*



# THE DELICATA CLASSIC WINE FESTIVAL IN NADUR 2024















# Mill-ġdid elett fil-Kunsill Lokali

## EUCHARIST CAMILLERI – KUNSILLIER

Meta kkontestajt għall-ewwel darba (1996), żgur li qatt ma ħsibt li fl-2024, għal darba oħra l- poplu tan-Nadur se jagħżilni biex mill- ġdid inkun rappreżentant tiegħu. Għalija din hi sfida ġdida biex l-esperjenza li ksibt matul is-snin ngħaddiha lil sħabi l-kunsilliera l- ġodda u fl-istess waqt inkun il-kontinwità li bnejna flimkien. Matul din il-leġislatura, li issa mill-aktar wieħed żagħżugħ għall-aktar wieħed anzjan. Dan biex inkun aktar motivat u fl- istess waqt mimli enerġija u entużjażmu ġdid. Sinċerament meta jispiċċaw dan fija jkun wasal iż-żmien li ngħaddu l-bakketta lil xi ħadd ieħor. Imma nemmen li dan għadu 'l bogħod. F'din l- leġislatura se nkompli nsaħħaħ l-impenn tiegħi mas-Sindku, b'mod partikolari fejn tidħol l-organizzazzjoni tal- festa u żgur li se nkun ta' spalla fejn jidħlu l-proġetti infrastrutturali. Hekk dejjem għamilt fil-passat u hekk ser inkompli nagħmel. Inwiegħed li ser inkun aktar qrib l-anzjani li huma l-mimmi t'għajnejja. Ma jonqosx li nkompli nagħti opportunitajiet ġodda permezz taċ-Charter. Min hawn nixtieq nirringrazzja lill-poplu Naduri li mill- ġdid wera l-fiduċja tiegħu fija permezz tal-vot. Dan għalija huwa ta' responsabbiltà kbira u nwiegħed li ser inkun dejjem qrib in-nies. Grazzi tal-fiduċja tagħkom fija.

**DAY CENTRE FOR ELDERLY EVERY TUESDAY**



**ELDERLY REGULAR CULTURAL OUTINGS**



**PICNIC FOR KINDERS 2024**



**YEAR 5 STUDENTS CULTURAL OUTING 2024**



# IL-FESTA TAL-IMNARJA 2024


















## JEAN PAUL PORTELLI – KUNSILLIER

Nibda billi nirringrazzjakom ilkoll tal-fiduċja li tajtuni fl-elezzjoni tal-Kunsill Lokali biex b'hekk se nkun qed inservikom mill-qalb għat-tieni darba konsekuttiva. Fil-leġislatura l-oħra ħdimt biex wassalt proposti għat-titjib tar-raħal tant għażiż għalina, u se nibqa' bl-istess impenn. Se nagħmel ħilti kollha biex inkun il-vuċi ta' dawk li jressqu lmenti ġustifikati. Fejn hu possibbli nara li tinstab soluzzjoni biex ma jkunx hemm tbatija. Minn hawn nappella u nħeġġeġ lil dawk li għandhom ideat interessanti biex jersqu lejja ħalli jien inkun nista' nressaqhom quddiem il-Kunsill. L-ambjent jibqa' għal qalbi u għal qalb il-Kunsill Lokali. Għalhekk inwiegħed li kull ilment rigward ħmieġ u traskuraġni ieħor ma jaqgħux fuq widnejn torox. Għandna nimplimentaw prattiċi stretti rigward l-immaniġġjar tal-iskart. Tajjeb ukoll li jiġu pprovduti faċilitajiet għar-rimi ta' skart u jkun hawn aktar ħarsien u inizzjattivi dwar riċiklaġġ. F'raħal pittoresk bħal tagħna, l-attivitajiet qatt m'huma biżżejjed. Sabiħ li b'mod regolari jiġu organizzati attivitajiet kulturali biex b'hekk jiġu msaħħa t-talent u n-negozju lokali. Aktar ma jkun hemm diversità, aktar jiġu viżitaturi li jitħalltu man-nies tal-lokal. Filwaqt li nimxu id f'id fl-għan tagħna li ntejbu l-ħajja fil-komunità tagħna, irridu niffukaw fuq titjib li jista' jsir. Fl-aħħar u mhux l-inqas, importanti li nsaħħu t-tajjeb li sar s'issa. Progress imsawwar fuq l-infrastruttura preżenti, tisħiħ tas-servizzi pubbliċi u li nifthu widnejna għal ilmenti ġenwini. Dan kollu jsarraf fl-iżvilupp u s-saħħa tar-raħal għażiż tagħna.

### CONGRATULATIONS TO NADUR NADIF – ENVIRONMENTAL AWARDS






### REGULAR CLEAN-UPS INVOLVING ORGANISATIONS





# FTUĦ MILL-ĠDID TAL-LIBRERIJA PUBBLIKA TAN-NADUR

## Official re-opening of Nadur Library



# DONAZZJONI TA' KOTBA MINN DIVERSI AWTURI

## Book donations from several authors



'DAUGHTER OF A MURDERER'
BY DIANE CLARKE



DIVERSI KOTBA BIL-MALTI
MINN NATALIE PORTELLI




'META R-RAMEL SAR BLU'
MINN DENISE MUSCAT



'DUN KARM ATTARD SDB'
MINN DUN SALV GRIMA

# EU FUNDED YOUTH & ADULT EXCHANGES





















# CHARTER FOR EUROPEAN RURAL COMMUNITIES

## MEETINGS IN HUNGARY, FRANCE & ENGLAND (2024











## ŻJARA UFFIĊJALI F'CICCIANO (MEJJU 2024) SABIEX INSAĦĦU L-ĠEMELLAĠĠ **Official Visit to Cicciano**





## GRUPP TA' STUDENTI MINN ISTANBUL ĠEWWA N-NADUR MINN LEMAN CETIN **Students from Istanbul visiting Nadur**





# JUM IL-KUNSILL 2024

**Mill-Ġimgħa 1 - sal-Ħadd 3 ta' Novembru**

3.00pm – Master Class – Kors tal-Bini tal-Presepju mill-artisti Gianfranco Cupelli u Peter Rock, flimkien ma' Għaqda Ħbieb tal-Presepju Nadur.

*01-03/11 – Master Class for Crib Making.*

**Il-Ħadd 3 ta' Novembru**

3.00pm – Sports Day flimkien ma' Museum Subien, għat-tfal minn Year 1 sa Form 3 (nisa' u subien). Tingħata medalja, trophies lir-rebbieħa, snack u drink.

*03/11 @ 3.00pm – Sports Day for Year 1 till Form 3 students.*

**Is-Sibt 9 ta' Novembru**

8.30am – Ħarġa kulturali speċjali għat-tfal tal-Primarja bit-train u open top bus, nżuru d-Dwejra Marine Centre u anke naraw film fiċ-Ċinema, fuq bażi ta' first come first served.

*09/11 @ 8.30am – Primary Kids Outing.*

7.30pm – Kunċert Mużikali mill-Banda Mnarja, fit-Teatru MBC, lejlet il-festa tal-Kon-Patrun San Koronatu. Wara jkun hemm festin għal dawk preżenti.

*09/11 @ 7.30pm – Musical Concert at MBC Theatre.*

**Is-Sibt 23 ta' Novembru**

9.00am –Clean Up immexxiha minn Nadur Nadif flimkien ma NTYC

*23/11 @ 9am – Clean Up with Nadur Nadif and NTYC.*

7.00pm – Quddiesa ta' Radd il-Ħajr fil-kappella tas-Sorijiet Franġiskani fin-Nadur, b'sufraġju tal-ex Kunsilliera li ħallewna.

*23/11 @ 7pm – Official Mass at Franciscan Sisters Chapel*

**Il-Ħamis 28 ta' Novembru**

4.00pm – Ħarġa Kulturali għall-Anzjani. Dettalji mill-uffiċju tal-Kunsill Lokali.

*21/11 at 4pm – Senior Citizens Outing.*

**Is-Sibt 30 ta' Novembru**

7.00pm – Serata uffiċjali ta' Jum il-Kunsill fejn jingħata Ġieħ in-Nadur u premijiet annwali.

*30/11 @ 7pm – Official Locality Honour Ceremony*



## ĠIEĦ IN-NADUR 2024

**DR JOSIANNE CUTAJAR**

*Locality Honour 2024 goes to Dr. Josianne Cutajar. Congratulations!*

*Awguri u Nifirħula*